



Brussell, 8 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6694/1/21
REV 1

LIMITE

EF 92
ECOFIN 210
CONSOM 52

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-Unjoni Ewropea'

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-Unjoni Ewropea', kif imħejjija mill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji u ffinalizzati mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fl-4 ta' Marzu 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar
‘Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-Unjoni Ewropea’

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JENFASIZZA t-titjib sinifikanti li ġabu magħhom iż-Żona Unika ta’ Pagamenti bl-Euro (SEPA) u l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-pagamenti bl-imnut;
2. IQIS li l-ħolqien ta’ soluzzjonijiet ġodda ta’ pagament jinvolti għadd ta’ sfidi ta’ politika għall-UE, f’termini ta’ regolamentazzjoni u superviżjoni, b’mod partikolari f’termini ta’ sigurtà, protezzjoni tal-konsumatur, kompetizzjoni, protezzjoni tad-data, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT);
3. JIRRIKONOXXI li protezzjoni tal-konsumatur b’saħħitha kif ukoll soluzzjonijiet konvenjenti u pprezzati b’mod adegwat huma l-aktar muturi importanti fl-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet ta’ pagament, u JENFASIZZA li enfasi qawwija fuq il-protezzjoni tal-konsumatur ser tkun vitali biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-pagamenti bl-imnut;

4. Jinsab IMĦASSEB dwar ir-restrizzjonijiet li l-operaturi ta' infrastrutturi tekniċi jistgħu joħolqu għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jistgħu jirriżultaw f'vulnerabbiltajiet sinifikanti għall-ekosistema tal-pagamenti Ewropea, li jxekkel il-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' soluzzjonijiet ta' pagament pan-Ewropej.
5. JENFASIZZA l-espansjoni rapida tar-rimessi globali li jakkumpanjaw il-flussi migratorji;
6. JINNOTA li l-pandemija tal-COVID-19 ikkonfermat l-importanza vitali ta' metodi ta' pagament diġitali sikuri, aċċessibbli u konvenjenti għal tranżazzjonijiet mill-bogħod u wiċċ imb' wiċċ, filwaqt li JIRRIKONOXXI li, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, il-flus kontanti jibqgħu importanti fil-pagamenti bl-imnut, b'mod partikolari għal ċerti segmenti tal-popolazzjoni;
7. JINNOTA li l-parti l-kbira tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti domestiċi bbażati fuq kards jew pagamenti istantanji attwalment ma jaħdmux b'mod transfruntier, li jista' jikkostitwixxi ostaklu għal pagamenti transfruntiera fil-ħwienet u l-kummerċ elettroniku; IQIS li n-nuqqas ta' interoperabbiltà bejn is-soluzzjonijiet, l-iskemi u l-infrastrutturi nazzjonali eżistenti, li huwa marbut ukoll man-nuqqas ta' standards komuni għall-UE kollha f'xi oqsma, jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni fis-suq tal-pagamenti bl-imnut tal-UE;
8. JINNOTA li dan l-aħħar kien hemm għadd ta' żviluppi pubbliċi u privati ġodda, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' infrastrutturi, skemi u regoli Ewropej komuni;

9. Madankollu, minħabba r-riskju ta' inkonsistenzi u aktar frammentazzjoni tas-suq, JAQBEL li l-iżvilupp ta' viżjoni ċara u t-tqegħid ta' azzjonijiet futuri taħt qafas ta' politika uniku, koerenti u sovrastanti huma ta' importanza kruċjali, filwaqt li JIRRIKONOXXI li l-UE hija suq uniku b'diversi muniti, u li l-preferenzi tal-konsumatur iwarjaw minn Stat Membru għal ieħor;
10. IQIS li s-suq tal-pagamenti bl-imnut tal-UE għandu jkun kompetittiv, innovattiv, inklużiv, u bbażat fuq infrastrutturi sikuri, effiċjenti u aċċessibbli, li jappoġġa s-sovranià ekonomika u finanzjarja tal-Ewropa;
11. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub li ntemmet fil-5 ta' Novembru 2020)¹.
12. JIRRIKONOXXI li l-ispeċifitàjiet, u l-pass u l-iskala tal-bidla teknoloġika fis-settur tal-pagamenti jeżiġu miżuri ta' politika speċifiċi u mmirati li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni orizzontali tal-istrateġija għall-finanzi diġitali² u għalhekk JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni komprensiva ħafna dwar “Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-Unjoni Ewropea”;

¹ dok. 12608/20

² dok. 11048/20

13. JAQBEL mal-“pilastri” interkonnessi mill-qrib identifikati għal azzjoni strateġika, li jħarsu lejn (1) in-natura dejjem aktar diġitali u istantanja ta’ soluzzjonijiet ta’ pagament b’kopertura pan-Ewropea, (2) kwistjonijiet ta’ innovazzjoni u kompetittività, (3) aspetti tal-aċċess, l-effiċjenza u l-interoperabbiltà ta’ sistemi ta’ pagament bl-immnut u infrastrutturi oħra ta’ appoġġ, u (4) d-dimensjoni internazzjonali, u JENFASIZZA, b’mod partikolari, l-oġettivi tal-promozzjoni tal-użu mifrux ta’ pagamenti istantanji, flimkien ma’ soluzzjonijiet ta’ pagament oħrajn, tad-disponibbiltà ta’ sett ta’ għodod leġiżlattivi li jista’ jissodisfa l-isfidi maħluqa mit-tranżizzjoni lejn id-diġitalizzazzjoni, u l-promozzjoni ta’ ekosistema ta’ pagamenti innovattiva, miftuħa, reżiljenti, sikura u inklużiva;
14. IFAKKAR lill-Kummissjoni li, minħabba li din hija strateġija fuq terminu medju, jeħtieġ li tiġi evalwata kif xieraq fuq bażi kontinwa, u aġġornata fejn rilevanti, b’mod partikolari peress li s-sitwazzjoni attwali tvarja fost l-Istati Membri;

Soluzzjonijiet ta’ pagament dejjem aktar diġitali u istantanji

15. IQIS li tista’ tkun meħtieġa azzjoni leġiżlattiva biex tiġi promossa l-aderenza għall-iskema ta’ Trasferiment ta’ Kreditu Istantanju SEPA (SCT Inst.) u għall-funzjonalitajiet addizzjonali tagħha (pereżempju "Request-To-Pay", il-kodiċijiet QR u s-servizzi ta’ "Proxy Lookup"), u li jistgħu jiġu esplorati modi oħra biex titrawwem l-adozzjoni tagħha, anke permezz ta’ ingranaġġ fuq infrastruttura diġà disponibbli, b’mod partikolari Sistema ta’ Pagament Istantanju TARGET (TIPS), u JISTIEDEN għalhekk lill-Kummissjoni, biex taġixxi, jekk neċessarju wara valutazzjoni tal-impatt, b’mod gradwali u proporzjonat, waqt li tqis b’mod debitu l-kamp ta’ applikazzjoni xieraq u l-eżenzjonijiet rilevanti;

16. JILQA' l-prijorità mogħtija biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji, speċjalment f'pagamenti istantanji, b'mod partikolari billi jiġu vvalutati l-aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari funzjonalità ta' konferma tal-benefiċjarju, filwaqt li jiġu vvalutati kif xieraq l-isfidi f'termini ta' AML/CFT, il-protezzjoni tad-data kif ukoll ir-riskji operazzjonali, ta' responsabbiltà u ta' likwidità għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-infrastrutturi li jirriżultaw minn pagamenti istantanji;
17. JAPPOĠĠA l-isforzi tal-Kummissjoni biex trawwem l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet pan-Ewropej, b'mod partikolari billi tindirizza l-isfidi li l-atturi li jixtiequ joffru soluzzjonijiet pan-Ewropej jistgħu jiffaċċjaw u billi tneħħi l-ostakli sproporzjonati għall-adozzjoni min-negozjanti u l-konsumaturi ta' pagamenti istantanji u pagamenti diġitali oħrajn fil-punt tal-interazzjoni, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-benefiċċji għall-utenti aħħarin;
18. JAQBEL li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinvestigaw u jirrimedjaw malajr kwalunkwe ksur tar-Regolament SEPA;
19. JAQBEL li titjib tal-qafas interoperabbli tal-eID tal-UE, kif speċifikat fir-Regolament eIDAS, flimkien ma' armonizzazzjoni xierqa tal-proċeduri ta' "kun af il-klijent tiegħek", jista' jiffaċilita aktar ir-reġistrazzjoni, l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-utenti fil-pagamenti, speċjalment fil-kuntest transfruntier, u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-monitoraġġ kontinwu tal-iżviluppi u t-teknoloġiji l-ġodda f'dan il-qasam.

20. JINKORAĠĠIXXI t-tħejjija ta' studju dwar il-livell ta' aċċettazzjoni ta' pagamenti diġitali, qabel ma tiġi żviluppata kwalunkwe proposta leġiżlattiva possibbli biex jiżdiedu dawn tal-aħħar, filwaqt li JENFASIZZA li hemm differenzi sinifikanti f'dak ir-rigward madwar l-UE;
21. JIRRIKONOXXI li l-flus kontanti għad għandhom rwol essenzjali fil-pagamenti bl-imnut, inkluż għal dawk li huma esklużi finanzjarjament jew diġitalment u, f'ċerti każijiet, bħala salvagwardja fil-każ ta' funzjonament ħażin tas-sistemi u l-infrastrutturi ta' pagament, u li kemm il-pagamenti fi flus kontanti kif ukoll dawk diġitali, għandhom ikunu disponibbli u aċċettati b'mod wiesa', b'rispons għad-domanda u l-preferenzi tal-utenti;
22. JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u finanzjarju biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-esklużjoni finanzjarja, u JAQBEL li għandu jiġi żgurat li l-approċċi għall-applikazzjoni tal-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur ma jwasslux għall-esklużjoni ta' ċerti kategoriji ta' utenti ta' servizzi ta' pagament (PSUs);
23. JIRRIKONOXXI l-benefiċċji potenzjali tal-muniti diġitali tal-banek ċentrali (CBDC), inkluż fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u s-sovranità tal-UE, u JENFASIZZA l-komplessità ta' din il-kwistjoni u l-importanza li titwettaq analiżi b'attenzjoni u bir-reqqa tal-effetti negattivi potenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-mudelli kummerċjali ta' intermedjarji finanzjarji u fornituri ta' servizzi oħrajn, l-istabbiltà finanzjarja, il-politika monetarja, il-protezzjoni tad-data u l-privatezza;

24. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA l-ħidma mwettqa mill-Eurosistema fir-rigward ta' munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut bl-euro (jew "euro diġitali") u JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Kummissjoni u l-Grupp tal-Euro fl-iżvilupp tagħha, filwaqt li jittieħed kont tar-rwoli u l-mandati rispettivi previsti fit-Trattati u li tiġi żgurata trasparenza sħiħa għal Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro;

Kwistjonijiet ta' innovazzjoni u kompetittività

25. JILQA' rieżami komprensiv tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 2 (PSD2), wara l-implimentazzjoni sħiħa tagħha u b'kont meħud tal-isfidi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tagħha, li jiffoka b'mod partikolari fuq il-valutazzjoni ta': i) l-adeqwatezza tal-kamp ta' applikazzjoni (inkluż fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi tekniċi), u l-ħtieġa ta' kjarifika ulterjuri tal-kunċetti u r-regoli eżistenti; ii) l-interazzjoni ma' leġiżlazzjoni settorjali oħra, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi, id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, il-GDPR kif ukoll l-iżviluppi leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa; iii) l-evoluzzjoni għal "servizzi bankarji miftuħa", l-immaniġġjar tar-riskji relatati mal-privatezza, u l-interazzjoni mal-linji gwida tal-EDPB f'dak ir-rigward; iv) l-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni, inkluż ir-rwol dejjem jikber tat-Teknoloġija Kbira u tal-FinTech; v) l-effettività tagħha biex tillimita l-frodi u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur (SCA);

26. JINNOTA l-kontribut tas-servizzi bankarji miftuħa għal suq innovattiv u kompetittiv, u JAPPOĠĠA aktar sforzi lejn l-interoperabbiltà tal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (API) u biex jiġi evalwat jekk aktar standardizzazzjoni tistax tiżgura li s-servizzi bankarji miftuħa jagħtu l-potenzjal sħiħ tagħhom, filwaqt li JENFASIZZA l-importanza li l-PSUs ikunu jistgħu jikkontrollaw faċilment l-użu tad-data tagħhom;
27. IQIS li l-finanzi deċentralizzati jistgħu jagħtu spinta addizzjonali lill-innovazzjoni u li għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u livell adegwat ta' protezzjoni tal-konsumatur, u b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda mill-PSD2, l-impatti potenzjali fuq il-mudelli kummerċjali tal-intermedjarji finanzjarji u r-riskji potenzjali involuti (eż. riskji relatati mal-privatezza);
28. IQIS li huwa importanti li kontinwament jinstab bilanċ tajjeb bejn ir-riskji ta' frodi u l-konvenjenza. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA b'mod partikolari evalwazzjoni tal-limiti legali eżistenti fuq pagamenti mingħajr kuntatt u kampanji biex titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi, b'kont meħud tal-esperjenza reċenti matul il-pandemija tal-COVID-19;
29. JAQBEL li huma meħtieġa azzjonijiet biex tiġi żgurata konsistenza akbar u approċċ teknoloġikament newtrali fid-diversi atti leġiżlattivi dwar il-pagamenti bl-imnut, sabiex ikun hemm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE dwar il-forniment, is-supervizzjoni u s-sorveljanza tas-servizzi ta' pagament; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta r-rwolli tal-atturi differenti fl-ekosistema tal-pagamenti, bħall-fornituri ta' servizzi tekniċi, u biex tirregolahom fejn meħtieġ;

Aspetti ta' aċċess u interoperabbiltà

30. JAPPOĠĠA estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu (DFS) biex jinkludi flus elettroniċi u istituzzjonijiet ta' pagament, dment li r-riskji potenzjali jiġu vvalutati b'attenzjoni u mitigati b'mod adegwat;
31. JAPPOĠĠA azzjoni leġislattiva biex jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess, taħt kondizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji, għal infrastrutturi tekniċi li huma meqjusa neċessarji biex jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament bħal komunikazzjonijiet b'kamp fil-qrib (NFC);

Id-dimensjoni internazzjonali

32. IQIS li inizjattivi ulterjuri biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet bejn sistemi ta' pagament istantanji u sistemi ta' pagament diġitali oħrajn fil-livell globali, inkluż dawk li jqisu r-rakkomandazzjonijiet u l-istandards żviluppati f'fora internazzjonali, huma rilevanti biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jżiedu l-ħeffa u l-konvenjenza, ta' trasferimenti transfruntieri ta' flus, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-oqfsa tal-AML/CFT;
33. JINNOTA d-diversi ostakli li għandhom jingħelbu f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-prattiki regolatorji differenti fost il-ġurisdizzjonijiet, l-opaċità tat-tariffi u n-nuqqas ta' interoperabbiltà tal-infrastrutturi tal-IT u tal-pagamenti, u JAPPOĠĠA l-faċilitazzjoni tar-rabtiet meta l-ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi joffru livell xieraq ta' protezzjoni tal-konsumatur, il-prevenzjoni tal-frodi, l-AML/CFT u l-konformità mar-rekwiżiti tal-GDPR;

34. JINKORAĠĠIXXI l-adozzjoni tal-istandard globali ISO 20022 sabiex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni ta' data aktar rikka fil-messaġġi ta' pagament, filwaqt li jirrikonoxxi li t-tmiem tal-2022 għall-pagamenti internazzjonali hija skadenza impenjattiva;
35. JAQBEL li l-applikazzjoni għal tranżazzjonijiet b'komponent wieħed tal-ħin massimu ta' eżekuzzjoni attwalment applikabbli fi tranżazzjonijiet b'żewġ komponenti u l-isfidi inerenti tagħha tista' tiġi vvalutata b'attenzjoni fil-kuntest tar-rieżami tal-PSD2, b'kont meħud tal-konsegwenzi, b'mod partikolari f'termini ta' responsabbiltà, għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jinsabu fl-UE u li jibagħtu fondi lil pajjiżi terzi;
36. JAPPOĠĠA inizjattivi pubbliċi u privati f'diversi Stati Membri li jwasslu għal rimessi aktar rapidi, orħos u aktar konvenjenti, f'konformità mal-istandards fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-prevenzjoni tal-frodi, tal-AML/CFT u tal-GDPR;
37. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipromwovi f'pajjiżi bi dħul baxx u medju, u fi ħdan il-qafas tal-politika tal-UE għall-iżvilupp, l-aċċess għal kontijiet ta' pagament u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' pagament interoperabbli globalment.